

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>L-Ordni Ewropea tal-Flas

L-Ordni Ewropea tal-Flas

Ċipru

L-Artikolu 29(1)(a) - Qrati b'ġurisdizzjoni

L-entitajiet li ġejjin għandhom ġurisdizzjoni: Il-qrati tal-prim'istanza kollha fir-Repubblika ta' Ċipru li joperaw fl-erba' distretti amministrattivi kkontrollati mill-Istat legali tar-Repubblika ta' Ċipru, jiġifieri Nicosia, Lemesos, Larnaca-Amohostos u Paphos. Il-ġurisdizzjoni ta' l-imħallfin hija ddeterminata mill-Att dwar il-Qrati (14/60) u tikkorrispondi għall-pożizzjoni ġerarkika ta' l-imħallf, jiġifieri Imħallf tad-Distrett, Imħallf Suprem tad-Distrett u President tal-Qorti Distrettwali.

L-Artikolu 29(1)(b) - Proċedura ta' reviżjoni

Il-proċedura ta' stħarriġ hija stipulata mir-Regolamenti Proċedurali dwar il-Kawżi Ċivili. Il-proċedura hija bbażata prinċipalment fuq sottomissjonijiet bil-miktub magħmula mill-partijiet involuti f'tilwima. F'każi eċċezzjonali, u kull meta l-Qorti tqis li hu neċessarju, tista' tittieħed xhieda orali flimkien ma' sottomissjonijiet bil-miktub u dikjarazzjonijiet taħt ġurament. Il-qrati kompetenti huma daww imsemmija fil-punt (a) hawn fuq.

L-Artikolu 29(1)(c) - Mezzi ta' komunikazzjoni

Il-mezzi ta' komunikazzjoni aċċettati għall-għanijiet tal-proċedura ta' l-ordni ta' flas Ewropew u li huma disponibbli għall-qrati huma: il-preżentata ta' applikazzjoni fir-reġistru personalment, jew bil-posta jew b'xi mezz ieħor ta' komunikazzjoni bħal fax jew e-mail.

L-Artikolu 29(1)(d) - Lingwi aċċettati

Il-lingwa Griega hija dik aċċettata mill-qrati. Mandanakollu, għall-għanijiet tar-Regolament, l-Ingliż, li huwa wkoll użat f'Ċipru, huwa miżjud.

L-aħħar aġġornament: 27/06/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.